MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2013

Numru. 395/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs.**

**Keith Felice**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Keith Felice ta' 20 sena iben Martin u Mary nee' Abdilla mwieled Pieta fit-13 ta' Settembru 1989 u residenti Block E Door A Flat 8, Triq il-Hagar, Tarxien, Id 422289 (M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-23 ta' Lulju 2010 u z-zmien ta' qabel fi Triq il-Knisja Paola u f'diversi postijiet f'dawn il-Gzejjer

(a) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi

tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija, u li fill-fedina penali aggornata tieghu ghandu biss kundanna waha ta’ pussess semplici

tad-droga eroina. Illi qed jaghmel programm residenzjali biex jirrajabilita ruhu. Ghalkemm fix-xhieda taghha is-Sinjura Vicky Scicluna, rapprezentanta tal-Agenzija Sedqa qalet li l-imputat ilu zmien that is-sorveljanza ta’ Probation Officer, mill-fedina penali aggornata ma jirrizultax li l-imputat tqieghed that xi Probation Order. Illi fic-cirkostanzi jkun idoneu li l-imputat ikompli l-programm residenzjali li beda, pero l-Qorti ihoss li jkun opportun li jitqieghed ukoll that is-sorveljanza ta’ Probation Officer.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101, kif wkoll ir-Regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta’ Probation hawn anness, u li ghandha tifforma parti integrali ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta’ din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u l-Parole.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------